SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU AD HOC (KONTINWAZZJONI 2)**

**29 ta' Awwissu, 2011**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis, il-Vici Sindku David Dalli, u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia, Marica Bayliss, Neville Mallia u Mikhail Micallef.

Kienet ukoll prezenti il-Membru Alfred Mangion f'isem ic-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara.

**APOLOGIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsillier Violet Bajada avzat li ma setghatx tattendi minhabba ragunijiet ta' mard.

Il-Kunsill ikkunsidrha bhala skuzata.

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

L-Agent Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

Ufficcjal mill-Monitoring Unit, Dipartiment tal-Gvern Lokali

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPius ippresjeda.

a. Is-Sindku nforma lil Kunsill li d-direzzjoni moghtija mid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kienet li l-Kunsill jipprocedi billi jikkonkludi din il-laqgha biss, u ghalkemm ma kienx inghata id-direzzjoni tad-Dipartiment dwar il-validita tal-process tal-hatra tas-Segretarju Ezekuttiv il-gdid, ghandu jigi sottomess lil Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-Ghazla.

b. Kien ukoll iccarat li r-rapport ghandu jkun mghoddi lid-Dipartiment ghal evalwazzjoni tieghu.

c. Il-Kunsill kien infurmat illi jekk id-Dipartiment jkun sodisfatt bil-process tkompli l-procedura tal-hatra hekk kif inhu spejgat f'Memo 53/2011 u eventwalment issir l-approvazzjoni tal-Prim Ministru.

d. Ir-Rapprezentant tal-Kumitat Amminsitrattiv tal-Kappara sahaq li r-rapprezentazzjonijiet taghhom kienu fir-rigward li l-Kunsill ma mexiex mad-direzzoni moghtija lilu mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fid-19 ta' Lulju, 2011 u mhux kontra xi kandidat.

e. Wara diskussjoni dwar l-elegibilta tal-Membru rapprezentattiv tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara fil-laqgha, s-Sindku ta *ruling* li dan ghandu d-dritt kollu li jippartecipa fid-diskussjoni.

f. Regghet saret diskussjoni dwar jekk il-Kunsill mexiex mad-direttiva tad-Dipartiment sabiex jinvolvi lil Kumitat Amminsitrattiv tal-Kappara fil-Bord tal-Ghazla, li kien konkluz mis-Sindku li semma li hu ma kellu l-ebda ogezzjoni u li l-Kunsill kien baqa' ma ltaqax biex jiehu decizjoni dwar id-direzzjoni moghtija mid-Dipartiment filwaqt l-Bord tal-Ghazla baqa ghaddej bil-process tieghu.

g. Is-Sindku ressaq ghal kunsiderazzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-Ghazla ghal hatra ta' Segretarju Ezekuttiv gdid, li jinsab aness ma' dawn il-Minuti bhala dokument "A".

h. Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan ir-rapport.

i. Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

j. *“Il-Kunsill japprova ir-rapport tal-Bord tal-Ghazla kif imressaq fil-laqgha u ffirmat mill-hames Membri li ffurmaw parti mill-Bord tal-Ghazla.”*

k. Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata unanimament.

l. Is-Sindku ferah lil Kunsill li wasal ghal decizjoni unanima.

m. Is-Sindku ghalaq il-laqgha fis-5.57pm.

Konfermati, illum ________________________, 2011

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello DuPius | Adrian Mifsud |
| Sindku | Agent Segretarju Eżekuttiv |